**Minuti tal-Laqgha Nru. 59 / 2015**

Il-Laqgha Nru 59/2015 tat-Tieni Amministrazzjoni saret
l-Erbgha 23 ta' April, 2015 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| **Prezenti *ghal*-laqgha:** | **Attendenza:** |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President |
| Profs Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier, Birgu |
| Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli | Sindku Bormla |
| Is-Sur Marc Vella Bonnici | Sindku Zabbar |
| Dr Byron Camilleri | Sindku Fgura |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Frans Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Lawrence Ciantar | Kunsillier Marsascala |
| Is-Sur Dominic Grima | Vici Sindku Paola |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Tarxien |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

Kienu prezenti l-Accountants tar-Regjun, Mazars Ltd

**Skuzati:**
Is-Sur Joseph Attard – Sindku Zejtun
Is-Sur Anthony Valvo – Sindku Xghajra

Assenti :
Kunsill Isla
Kunsill Floriana
Kunsill Marsaxlokk

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.30pm.

1.1 **Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 58/2014 mizmuma fid-18 ta' Frar, 2015 kienu gew iċċirkolati minn qabel, u ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Iskeda tal-Pagamenti, kif wkoll l-Iskeda ta' l-ispejjez mill-petty cash ghal-perjodu 01/01/2015 sal 31/03/2015 gew approvati u gew iffimati wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

2.1 **Arising mill-minuti**

2.1.1 Il-Profs A Dingli, Sindku tal-Belt Valletta, qal li ma kienx sew li l-eco wardens twaqqfu totalment. Il-President, il-Chav P Farrugia qal li l-eco wardens qed jinbatu fuq talbiet specifici mill-Kunsilli. Huwa talab lil Profs Dingli, Sindku tal-Belt Valletta, biex jikkomunika mas-Segretarju Ezekkuttiv dwar ir-rotot li xtaq idahhal.

2.1.2 Il-President, il-Chev P Farrugia spejga li waqt il-laqgha li kienet saret mal-Ministru, l-Onorevoli Dr Owen Bonnici, li ghaliha kienu gew mistiedna rappresentanti minn kull kunsill fi hdan ir-Regjun, kienu gew diskussi numru ta punti li jolqtu lir-Regjun. Dan il-punti huma kollha marbutin mal-esitu tar-riforma li qed issir mill-Ministeru tas-Sistena ta' Infurzar Lokali u ghalhekk wiehed ried jistenna li din ir-riforma tidhol fis-sehh.

2.1.3 Il-President qal li kien talab kopja tal-kuntratt li kien sar ghal-kirja tal-premises tat-tribunal taz-Zejtun Peress li din il-kopja tal-kuntratt kienet ghada ma waslitx ghand ir-Regjun huwa kien waqqaf il-pagamenti tal-kera. Huwa ghamel accenn wkoll li kine ghamel talba biex tkun tista tintuza karmra ohra li kien hemm fil-binja tat-Tribunal u spjega li kien intalab Euros 500 addizzjonali fix-xahar mal-kera prezenti bghal din il-kamra. Il-Profs A Dingli, Sindku tal-Belt Valletta, saqsa jekk kienx il-kaz li ir-Regjun ikollu iktar minn premises wiehed bhala tribunal. Il-President, il-Chev P Farrugia, spjega li id-decizzjoni li ir-Regjun jopera tribunal wiehed fiz-Zejtun kienet ittiehdet mill-Ministeru.

2.1.4 Is-Sur J Abela, Sindku ta' Hal-Tarxien, saqsa kemm kien l-ammont tal-kirja imhallsa ghall-binja tar-Regjun. Il-President, il-Chev P Farrugia, wiegeb li din kienet tammonta ghal Euros 16,771.75 fis-sena.

2.1.5 Il-President, il-Chev P Farrugia, spjega li ir-Regjun kien jiegħed fil-process li johrog madwar 3,500 ittra fejn qed jintalab il-pagament ta' citazzjonijiet li inhargu bejn il-perjodu 01/09/2011 u 31/01/2014 (citazzjonijiet li inhargu wara dan il-perjodu kienu

ghahom jistghu jigi appellati fit-Tribunal jew permezz ta petizjoni). L-ammont dovut minn dawn ic-citazjonijiet kien ilahhaq is-somma ta' madwar miljun euro. Ir-Regjun ma kien qed ihallas xejn lill-Avukat Farrugia Sacco li kien qed jiffirma dawn l-ittri. Dan ghaliex l-Avukat kien offra dan is-servizz b'xejn meta issotometta l-offerta tieghu ghal-Prosekutur tar-Regjun. Il-President kompla jghid li kien ihossu imwegga li d ir-Regjun kellu problema ta' cash flow minhabba in-numru ta' citazjonijiet li ma kienux jigu imhallsa u li ir-Regjun kien qed jaghmel l-almu tieghu kollu biex l-ammonti dovuti jigu migbura u ir-Regjun ikun b'hekk f'pozizzjoni li jqassam dawn il-flus lill-kunsilli fi hdan ir-Regjun. Kien hemm qbil unanimu ghal hrug ta' dawn l-ittri u il-posizzjoni li kienet qed tigi mehuda mir-Regjun.

2.1.6 Il-President, il-Chev P Farrugia, qal li l-acceptance letter ghat-tender tad-dawl kienet inbaghtat lill-kuntrattur u kopja tar-rati kif kienu sottomessi mill-kuntrattur meta tefgha il-kwotazzjoni tieghu ghal din it-tender kienu intbaghtu lill-Kunsilli li kienu wrew l-interess li juzaw is-servizz taht din it-tender. Il-Profs A Dingli, Sindku tal-Belt Valletta talab li jintbaghtulu kopja ta' dawn ir-rati.

**3.1 <u>Approvazzjoni tal-Final Financial Statements ghas-sena li nghalqet fil-31 ta' Decembru, 2014</u>**

3.1.1 Is-Sur Ramon Cutajar, l-Accountant tar-Regjun, qal li din is-sena kien hemm bidla fl-awdituri tan-NAO u li l-approach ta dawn l-awdituri, Grant Thornton, wasslet ghal komunikazzjoni ahjar.

3.1.2 Huwa spjega l-awdituri kienu issugerew adjustment wiehed fil-Profit/Loss Statement ta'Euros 214.51.

3.1.3 Huwa zied li kien hemm zewgt punti fil-financial statments orignali li l-awdituri tal-NAO kienu ikkummentaw fuqhom fid-diskussjoni magghom. Dawn kienu jirrelataw ma l-ammonti f'untracked hours li kienu qed jigu mitluba minn Sterling Security, liema ammonti kienu qed jigu ikkontestati mir-Regjun ghaliex dawn kienu sieghat li ma inhadmux. Bi qbil mal-awdituri tal-NAO u mal-Presient u is-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun gie deciz li l-financial statements finali jigu aggustati u il-credit ta Euros 91,098.82 jigi revised bhala spezjjez u ssir nota li hemm pending litigation fuq dan l-ammont. Il-Profs A Dingli, Sindku tal-Belt Valletta, talab spjegazzjoni fuq dan l-ammont. Il-President, il-Chev P Farugia, spejga li ir-Regjun dejjem hallas fuq certifkazzjoni maghmula mill-Authorising Officers. L-ammont ikkonestat kien jirrelata ma sighat li ma kienux tracked mis-sistema ta GPS fuq L- AVS li jgorru fuqhom il-wardens. Huwa car li f'dan is-sieghat l-AVSs tal-gwardjani li suppost kienu qed jaghmlu ir-rotta kienu mitfija. F'dan is-sighat, li l-ammonti taghhom kienu signifikanti, ma kienitx inharget citazzjoni wahda li wahda.

3.1.4 Is-Sur Cutajar kompla jispjega li it-tieni punt imqajjem mill awdituri tal-NAO kien punt tekniku rigward il-provision for bad debts. Huwa spjega li ghar-rigward ta' citazzjonijiet li kienu inhargu izjed minn sentejn ilu l-statistika turi li 58.2% kienu baqghu mhux imhallsa u ghalhekk kienet saret provision for bad debts ghac-citazzjonijet li hargu fis-sena 2014 skond dan il-percentagg. L-awdituri tal-NAO kienu gibdu l-attenzjoni ghal-policy li kienet inharget mid-DLG li kienet tirregola l-ammont li ghandu jigi provudut fil-financial statements ghal bad debts u talbu lir-Regjun biex jamenda il-Financial Statments halli ikunu konformi ma din l-IAS. B'dan l-aggustament l-impairment loss on receivables telgha ghal Euros 497,030 u wassal biex ir-regjun ghalaq is-sena b'telf ta' Euros 286,002.

3.1.5 Is-Sur D Grima, Vici Sindku ta' Paola, saqsa x'kien qed jiggwadanja il-kunsill tieghu mis-sistema tal-LES. Il-President spjega li il-kunsilli kienu jiehdu 10% f'administration fee mic-citazzjonijiet li kienu jithallsu fil-kunsill taghhom. Il-President, il-Chev P Farrugia ghamel accenn ghall-Iskeda tal-Pagamenti u spjega li ir-Regjun kien se jkun qed ihallas l-invoices kollha tal-10% administration fee li kien ircieva sa April 2015. Dan wara li kien sar pagament iehor f'Jannar 2015. Is-Sur D Grima, Vici Sindku ta' Paola, saqsa dwar il-possibilita li fejn l-ammonti dovuti f'citazzjonijiet mill-pubbliku kienu sostanzali kienx possibli li isir arrangement li dawn jithalsu bin-nifs. Il-President, il-Chev P Farrugia spjega li ir-Regjun ga kien qed ihaddem din is-sistema li jsiru agreements ghal hlas fix-xahar.

4.1 **<u>Komunikazzjoni mil-President</u>**

Il-President, il-Chev P Farrugia spjega li l-External Expert imqabbad mir-Regjun biex jiddentifika progetti ta' l-EU ghal kunsilli li jaqghu taht ir-Regjun, Dr Malcolm Borg, kien identifika xi progetti tal-EU li setghu jibbenefikaw minnhom il-Kunsilli. Dr Borg kien qed jibghat emails lill-kunsilli b'informazzjoni dwar dawn il-Progetti. Il-President, is-Chev P Farrugia, heggeg lill-membri prezenti ghal-laqgha biex jippartecipaw f'dawn il-progetti.

4.1.1 Il-President, il-Chev P Farrugia, accenna ghas-sitazzjoni finanzjarja li kien jinsab fiha ir-Regjun. Huwa qal li ma l-ezercizzju ta' debt collection li kien qed issir mir-Regjun u li tieghu kien tagha spjega aktar qabel fil-laqgha, kien sar ezercizzju iehor biex jigu identifikati areas ta savings. Huwa spjega li il-Kumpanija Guard and Warden kienet estendiet id-discount li kienet tat lir-Regjun ghall-ewwel sitt xhur tal-kuntratt ghal-tlett xhur ohra.

4.1.2 Il-President, il-Chev P Farrugia, spejga li fil-prezent ir-Regjun kien qed ihallas ftit iktar minn Euros 60, 000 fis-sena ghas-servizzi ta' Authorised Officer. Huwa kompla izid li dan ir-rwol ta Authorised Officer setgha jsir mis-Segretarju Ezekuttiv tar-regjun u jigu iffrankati Euros 60,000 fis-sena. Hu issugerixxa li dan l-ammont jitqassam lill-kunsilli fi

hdan ir-Regjun kull tlett xhur. Is-Sur D Grima, Vici Sindku ta' Paola, qal li ma huwiex gust li il-kunsilli jiehdu kollha l-istess ammont ta' flus meta in-numru ta' citazzjonijiet moghtija kien ivarja b'mod sostanzjali bejn il-lokalitijiet fi hdan ir-Regjun. Il-President, il-Chev P Farugia, spjega li kull kunsill kien jiehu 10% f'administration fee tac-citazzjonijiet kollha imhallsa fl'ufficini tieghu, equal share mis-60,000 euro li setghu ser jigu iffrankati mill-kuntratt tal-Authorised Officer, u share mill-profitt tar-Regjun, liema share jigi deciz bi qbil bejn il-Kunsilli fi hdan ir-Regjun, meta il-cash flow tar-Tegjun tkun tippermetti dan it-tqassim. Kien hemm qbil unanimu ghal din il-proposa. Gie deciz b'mod unanimu li is-servizz ta Authorised Officer moghti mill-kumpanija Relos jigi terminat b'mod immedjat u li tinghata notice period ta' xahar li fih kellu jinghata hand over lis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun. Kien hemm qbil unanimu ghal dan l-arrangament. Gie deciz ukoll, b'mod unanimu, li b'effett immedjat is-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun tiehu ir-rwol u taqdi il-funzjonijiet kollha ta Authorised Officer tar-Regjun u dan kif deskritti u definiti f'kull legislazzjoni, regolament u policies, minghajr eccezzjoni, fejn issir referenza ghal-Authorised Officer. Kien hemm qbil unanimu ghal dan l-arrangament.

5.1

5.1.1

**<u>Gheluq tal-Laqgha u Aggornament</u>**

Il-Laqgha ntemmet fit-9:00 pm u giet aggoranata ghat-28 ta Mejju, 2015.

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Joan Mangion**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ta' 2015.